**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Brian Bone**

**Distrett Zejtun**

**Illum, 16 ta' Dicembru 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi prezentati mill-Pulizija Ezekuttiva kontra **Brian Bone**

**Brian Bone, bin Maria Dolores Sciberras, m/Pieta' fi 07/09/1977 ta' 12, Telghet il-Vittmi tal-Polvrista, Birgu, ID 442977(M)**

Akkuzat talli nhar id-9 ta' Settembru 2022 ghall-habta ta' 08:00hrs gewwa Misrah Karlu Diacono Zejtun:

1. Ikkagunajt feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' John Spiteri Debono;

2. Fi triq jew f'post pubbliku iehor, imbuttajt lil John Spiteri Debono sabiex twegghu jew tinsulentah.[1]

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat illi l-prosekuzzjoni striehet fuq il-provi in atti.

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2024.[2]

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**
**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda incident li inqala' bejn il-familja Spiteri Debono u dak tal-imputat odjern nhar id-9 ta' Settembru 2022. John Spiteri Debono allega li gie aggredit minn l-imputat fuq kwistjoni ta' boroz ta' l-iskart.

Brian Bone mitkellem mill-pulizija ikkonferma li imbotta lil John Spiteri Debono meta dan beda jxejjer il-borza taz-zibel fil-konfront

[1] Folio 1 tal-process.

[2] Folio 60 tal-process.

tieghu pero’ isostni li tant l-imbuttatura kienet zghira li lanqas biss waqa’.[3]

**Ikkunsidrat:**
**Provi**

**PC 1047 D. Zarb** xehed permezz ta’ affidavit fejn qal li nhar id-9 ta’ Settembru 2022 John Spiteri Debono mar l-ghassa taz-Zejtun flimkien ma’ martu Anna Maria Christiana Spiteri Debono fejn qalu li huma kellhom argument mal-garr taghhom dwar boroz suwed. Il-kwistjoni kienet dwar ta’ min kienu dawn il-boroz suwed li kienu qed jigu imhollija vicin ir-residenza ta’ dawn it-terzi. John Spiteri Debono sahaq li l-persuna maskili mar qabad il-borza u huwa u gej biha zelaq u waqa’ fit-triq. Kompla jghid li imbaghad dan il-persuna maskili qam u fajjar daqqa ta’ ponn f’rasu u dak il-hin hargu xi nies izommu dan il-persuna maskili. *Il-konjugi Spiteri Debono sostnew li dak il-hin ma kienx hemm diskors u kliem offensiv*.[4] John Spiteri Debono ipprezenta certifikat mediku mahrug minn Dr. Katya Azzopardi.

Ix-xhud jghid li huwa kellem lil Brian Bone fejn ikkonferma l-incident tal-boroz u qal li ra lill-kwerelant jitfa’ il-borza taz-zibel in-naha taghhom u hu hareg u qallu biex ihalliha in-naha tieghu. Il-kwerelant qallu li dik mhux tieghu u inqala’ l-argument. Jghid li hu qabad il-borza taz-zibel u nehhihom mill-kantuniera u tefaghhom fejn l-arblu. Hu laqat borza u hareg xi hmieg minnha. Kien dak il-hin li John Spiteri Debono qabad borza u xejjirha u hareg xi hmieg minnha. *Malli ra hekk mar jimbottah minn wara*.[5] Isostni li l-kwerelant lanqas biss waqa’ ghax ma imbottahx bis-sahha.

[3] Pagna 5 ta’ Dok. JC 1.

[4] Folio 3 tal-process.

[5] Folio 5 tal-process.

Xehed **John Spiteri Debono** nhar is-17 ta' Marzu 2023 u ikkonferma li sena qabel kien hemm l-incident mal-inputat dwar il-boroz taz-zibel. Jispjega li hu u martu gurnata qabel l-incident raw diversi boroz taz-zibel quddiem ir-residenza tal-imputat u meta gew lura diversi sieghat wara sabuhom quddiem il-propjeta' taghhom u allura haduhom lura fejn kienu originarjament. Jghid li kien l-ghada li inqala' l-incident mertu ta' dan il-kaz fejn il-partner tal-imputat kienet qed tqieghed dawn il-garbage bags quddiem il-propjeta' taghhom. Ikompli jispjega:

**'Ftit wara imbagħad ħareġ is-Sur Bone beda jgħajjat, beda jgħajjat u jidgħajli kemm jiflaħ imbagħad beda jerġa' jitfa' l-boroż quddiem id-dar tiegħi, jien ġbarthom u erġajt qegħdthom hemm. Meta kelli dahri lejh tani daqqa ta' ponn ġo rasi u jiena mort l-għassa biex nagħmel ir-rapport u qalluli li l-ewwel trid tmur il-polyclinic iġġibilna medical certificate....'**

Kontro-ezaminat jikkonferma d-data tal-incident u jghid li kienu boroz u mhux dust bins. Jghid ukoll:

**'Is-Sinjur tani daqqa ta' ponn hawn hekk, weġġghajt bid-daqqa ta' ponn u insejt ngħid xi ħaġa oħra. Li, li qabel ma tani d-daqqa ta' ponn is-Sinjur kien qed jitfa' d-dustbins, tefa' wieħed fuq rasi, infetaħ, ħareġ il-, ħareġ il-, the leaves x'tgħidilhom bil-Malti?'**

Finalment ix-xhud jghid li baqa' sejjer l-ghassa wara l-incident.

Xehdet **Anna Maria Spiteri Debono** tghid li fit- 8 ta' Settembru 2022 hargu hija u zewgha John f'xi 12 pm u raw diversi garbage bags quddiem ir-residenza tal-imputat u meta gew lura diversi sieghat wara sabuhom quddiem il-propjeta' taghhom. Huma regghu poggewhom fejn rawhom fil-ghodu. L-ghada meta kienet fil-gnien semghet xi haga u rat

lill-partner tal-imputat tpoggi il-garbage bags quddiem il-propjeta' taghhom.  Issostni li:

'**F'daqqa waħda nara s-Sinjur  ħiereġ mid-dar tiegħu jgħajjat, jidgħi  u jaqbad il-garbage bags u jerġa' jpoġġihom imma b'ċertu saħħa in-naħa  tagħna**.'

.......................................................................................................................

'**Imbagħad f'daqqa waħda kif ir-raġel dar biex jerġa' jġib borża oħra minn ħdejn id-dar tagħna nara s-Sinjur jaqbad borża u jitfaghha fuq ras ir-raġel u joħroġ id-debris dak iż-żibel kollu....**'

.......................................................................................................................

**'Imma f'daqqa waħda mbagħad bir-rabja tah daqqa ta' ponn fuq wara rasu, hekk, jiġifieri r-raġel tiegħi dahru lejh qed ifarfar rasu u dan tah daqqa ta' ponn minn wara. Jien dak il-ħin, imbagħad dak il-ħin ġrejt isfel niġri. Ir-raġel sadanitant beda miexi lejn l-għassa...'**

Kontro-ezaminata tghid li l-incident tad-daqqa bil-garbage bag ratu mill-gallarija u wara marret wara zewgha.

Xehdet **Stefania Falzon** fejn ikkonfermat li cemplet lill-kunsillier dwar il-boroz u qalilha biex thalli f'idejh.  Qalet li l-kunsillier infurmahom li mar icempel lill-kwerelanti, ma sabhomx u pogga il-garbage bags fejn l-arblu ghax qalilha hekk hu.  Tghid li l-kwerelanti biss ghandhom is-sigar fl-akkwati u allura bil-fors kienu taghhom l-garbage bags.  Issostni:

'**Sadanitant il-partner tiegħi semgħana  qisna  nargumentaw  u ħareġ,  qallu  iż-żibel  żommu wara l-bieb tiegħek u s-Sinjur qallu**

**dawk ma hijomx tagħna.  U l-partner tiegħi qallu mela la ma hijomx tagħkom għalfejn qed titfawhom wara l-bieb tagħna?  Fajj, xejjer il-borża, xejjer il-borża u tiegħi għamel hekk biex bħal speċi jiddefendi ruħu. Dak li ġara.  Fil-fatt imbagħad qallilna ħa jmur l-għassa, jiena knist il-biċċa fejn kien hemm il-weraq u affarijiet hekk fit-triq biex ma nħammġux u tfajt in-naħa tiegħi'**

Kontro-ezaminata tghid:

**'Difiża: Kif, kif waslu għala ħalla l-garbage bags jinfetħu.  Int semmejt li xejrilkom il-garbage bag**
**Xhud: Għax is-Sinjur xejjer il-garbage bag u tiegħi biex bħal speċi jilqa', jiddefendi ruħu għolla jdejh hekk.  Dik jiġifieri li ġara, la kien hemm ġlied ma kien hemm xejn iktar jiġifieri.**
**Difiża: Jiġifieri inti kont qed tiġbor il-ħmieġ li ħareġ'**

Xehed bil-gurament **Raymond Caruana** u qal li huwa kunsillier u jikkonferma li hu gie infurmat lejliet il-kaz dwar il-boroz minn Stephania Falzon.  Hu jaghti deskrizzjoni tar-rwol tieghu u jghid li gol-boroz kien hemm skart relatat mas-sigar.  Jghid li l-boroz tefaghhom fejn l-arblu li hemm fit-triq.

Kontro-ezaminat jikkonferma li xogholu fil-kunsill huwa li jiehu hsieb l-indafa pubblika.  Jikkonferma li gol-garbage bags kien hemm affarijiet relatati mas-sigar.[6]

Xehed **Brian Bone** nhar l-14 ta' Gunju 2024 u jghid li fit-8 ta' Settembru 2022 bdiet il-kwistjoni tal-boroz u huma kienu infurmaw lill-kunsillier Raymond Caruana b'dak li qed jigri, ossija li kien hemm xi

[6] Il-Qorti tosserva li dan ix-xhud ma kienx fuq il-post tal-incident u ix-xhieda tieghu hija ftit li xejn relevanti ghall-akkuzi li din il-Qorti ghandha quddiemHa.

hadd li huma identifikaw bhala l-kwerelant li kien qed ihalli l-boroz is-suwed quddiem ir-residenza taghhom. Carruna qalilhom biex ihallu f'idejh. L-ghada hu sema' lit-tfajla tieghu u lis-Sur John Spiteri Debono jargumentaw fuq il-boroz is-suwed fejn dan tal-ahhar beda jsostni li l-boroz ma kinux tieghu. Jghid li huwa intervjena, qabad il-boroz, nehhihom minn taht il-propjeta' tieghu u hadhom fil-vicin, imma mhux hdejn il-propjeta' ta' Spiteri Debono. Ikompli jixhed:

Imputat: Kif miexi wara s-Sinjur qed nerġa' ngħidlu għalfejn qed titfagħhom taħt it-tieqi tiegħi b'rabja qalli dawn mhux tiegħi rajtu ħa jdur. F'ħin minnhom kif rajtu ħa jdur peress li kellu l-borża f'idu, fhimt. Mhux qed ngħidlek ukoll li s-Sinjur xengel il-borża biex jolqotni ġo wiċċi, jiġifieri xejn minn dan. Kif rajtu ħa jdur jiena għollejt idi hekk u niżżilt wiċċi. Idi naf li ġiet in kuntatt miegħu. Ma fejn ma nafx, pero' la qatt tajtu bil-ponn jiena la dagħjt u xejn minn dan.

**Difiża: U għalfejn għollejtha idejk?**

**Imputat: Biex nipproteġi ruħi milli, bil-borża jekk tiġi ma' wiċċi milli jkun fiha z-zkuk u nintlaqat ġo wiċċi. Wara dak insomma.**

**Difiża: U kif kont taf li dik il-borża kellha z-zkuk li setgħu jagħmuk?**

**Imputat: Għax il-boroż bħal ma għidt il-Ħamis jiena u t-tfajla ċċekjajna l-boroż u kien fihom kollha zkuk tas-siġar u ħaxix.**

**Difiża: Jiġifieri inti x'ħin rajtu qed jagħmel hekk bil-borża għollejt idejk**

**Imputat: X'ħin mar idur**

**Difiża: Biex il-borża ma tolqto**

**Imputat: Mar idur hekk u bir-rabja**

**Difiża: Ma tolqtokx**

**Imputat: Biex jgħidli, qehe, biex dawn mhux tiegħi, fhimt. Jien għollejt idi hekk u ġejt in kuntatt miegħu. Jekk ħadtux fi spaltu jew f'rasu ma nafx, imma dakinhar hawn is-Sinjur qal li lqattu hawn hekk.**

**Difiża: Inti smajthom jixhdu lilu u qal li tajtu daqqa ta' ponn**

**Imputat: Hawn hekk hekk qal ..... eżatt**

**Difiża: Bil-ġurament x'qed tgħid il-Qorti**

**Imputat: Jiena le qatt ma tajt daqqa**

**Difiża: Fl-ebda ħin**

**Imputat: Fl-ebda ħin ma tajt daqqa ta' ponn u lanqas idi li ħriġtha ma kinitx intenzjonata li noħroġha. Ħriġtha għax rajt il-borża ġejja u ħa jdur is-Sinjur iddefendejt ruħi biex ma jin, biex ma nintlaqatx. Jiena kieku kelli jien f'ħin minnhom fejn jiena forsi kont nirrabja, kont nirrabja meta kont naqa' fil-borża li kien għamilli wara, mhux ser noqgħod niġġieled għax qed titfaghli l-boroż. Mela ..... ma naħsibx li ħa naqa' għal dak il-livell jien. Insomma, wara dak is-sinjur qal li ħa jmur għal Pulizija, għidtlu aħjar jiena għax jiena ħsibt li l-Pulizija ġew, ġejjien ħa jaraw is-siġar u kont ngħidilhom jekk is-Sinjur iħallikom idħlu araw il-ħaxix li hemm jekk hux bħalu. Meta s-Sinjur ukoll xejjer il-borża il-ħamrija, dan**

**huwa l-ħamrija li ħriġt minn ġo xagħri jien. Ma kinitx, ma ngħidtx li kienet .....imma l-ħaxix kien ġo rasi**

**Difiża: Jiġifieri dik il-ħamrija minn fejn ġiet għal ġo rasek?**

**Imputat: Minn ġol-borża**

**Difiża: Din il-borża li għadek kemm semmejt li kellu f'idu .....**

**Imputat: Nahseb, naħseb tqattgħet meta bdejt inpoġġihom hemm u jpoġġihom hu ma' l-art u tqattgħu xi naqra**

Kontro-ezaminat ix-xhud jikkonferma id-dinamika skond hu tal-incident. Hu jispjega fid-dettal kif wasal ghal konkluzjoni li l-boroz huma tal-kwerelant u jghid li peress li kellhom il-weraq fihom u hu ghandu gnien allura per konsegwenza kienu ta' Spiteri Debono.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuza taht l-artikoli 221(1) u 339(1)(l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artiklu 221(1) jghid:

*221.(1) L-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, titqies li hija ħafifa, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew il-multa.*

L-Artiklu 339 (1) (l) jghid:
*339 (1) (l) imbotta lil ħaddieħor fit-triq biex iweġġgħu jew jinsultah*

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ghandha zewg verzjonijiet kunfliggenti fejn l-kwerelanti qed jasserrixxu li l-imputat ta' daqqa ta' ponn lill John Spiteri Debono u minn naha l-ohra d-difiza tikkontendi li dan mhux minnu imma li l-imputat gholla idejh biex jiddefendi ruhu ghax tal-ewwel beda jxejjer il-borza taz-zibel.

Il-Qorti tqis illi ill-provi mressqa ma jirrizultalhiex li l-imputat imbotta lil John Spiteri Debono sal-grad rikjest mill-ligi fil-kamp kriminali u ghalhekk ma tistax tirrizulta t-tieni akkuza.

Mhux l-istess jista' jinghad ghall-ewwel akkuza.

Id-daqqa ta' ponn li l-vittma ircieva minn wara, hija sorretta bic-certifikat mediku mahrug minn Dr. Katya Azzopardi li bl-ebda mod ma gie attakkat mid-difiza.[7] L-istess deskrizzjoni tad-daqqa taghtiha mart il-vittma. L-occiptial area tinsab fuq in-naha ta' wara tar-ras u allura hija kompatibli mad-daqqa li qala l-vittma.[8] B' hekk il-Qorti taghzel li temmen li vera l-imputat ta' daqqa ta' ponn fuq in-naha ta' wara lil John Spiteri Debono u mhux kif qed jghid l-imputat li dan ma sehhx.

**Ikkunsidrat:**

Ghal dak li jirrigwarda piena jidher li dan kien incident izolat li bi ftit djalogu aktar matur miz-zewg partijiet seta' facilment jigi evitat. Il-

[7] Dok. JC 3.

[8] The occipital bone is a flat, trapezoid-shaped bone that houses the back part of the brain. It is located at the lower back of the cranium and is one of seven bones that form your skull. Occipital Bone: Anatomy, Function, and Treatment (verywellhealth.com) accessat 31.8.24.

Qorti ghalhekk hija tal-fehma li ma ghandix timponi piena la karcerarja u lanqas il-multa.

Il-Qorti tawgura wkoll illi fil-waqt illi kull wiehed minnhom ghandu jiehu hsieb li ma jdejjaqx lill-iehor bl-ebda mod, il-partijiet jitghallmu jghixu ghall-anqas b'tolleranza ma' xulxin kunsidrat illi huma girien, u ghalhekk probabilment ghad baqaghlhom zmien twil jghixu fil-vicinanza ta' xulxin.

Il-Qorti ma tistax ma tikkummentax ukoll fuq l-imgieba tal-kunsillier li iddikjara li huwa inkarigat mill-indafa. Dan messu kien aktar kawt u kellu jara li dik li fil-fehma tieghu kienet soluzzjoni ghall-ilment illi rcieva, fil-fatt ma kinitx se taghti lok ghall-sitwazzjoni aktar gravi, kif fil-fatt sehh fil-kaz in ezami. Li sempliciment tnehhi l-boroz minn quddiem bieb u tpoggihom quddiem bieb iehor anke jekk ma' arblu, zgur li ma hiex soluzzjoni, aktar u aktar meta l-istess kunsillier ma kienx ikkomunika mal-konjugi Spiteri Debono. Il-kunsill qieghed hemm sabiex isib soluzzjoni mhux biex jaggrava sitwazzjoni.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 221(1) u 339(1)(l) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib l-imputat **BRIAN BONE HATI** tal-akkuza numru wiehed u **MHUX HATI** tal-akkuza numru tnejn u qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) xhur mill-lum ai termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Barra minn dan biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' John Spiteri Debono kif ukoll sabiex jinzamm il-bon ordni flimkien mal-piena qed torbot lill-hati b'obbligazzjoni ta' **hames mitt Ewro** (€500) ghal perjodu ta' sitt (6)

xhur mil-lum ai termini tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car u semplici l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Agenzija tal-Qrati minnufih.

Moghtija illum 16 ta' Dicembru 2024 fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Annalise Mifsud
Deputat Registratur